# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Ottubru 2024**

**Numru : 8**

**Rikors Numru : 117/2022/1 BS**

**Harold Said, Karen Said, Claire Mercieca, Mary Mamo, Maria Bajada kemm f'isimha proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' oħtha Giuseppa Bajada li tagħha l-istess Maria Bajada hija gwardjana;**
**u għal kull interess li jista' jkollha Karkanja Developments Limited (Numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija (C 34155)**

**v.**

**John Mary *sive* Jimmy Muscat**

**Il-Qorti:**

Dan huwa appell mill-konvenut minn sentenza *in parte* mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza Superjuri Ċivili, Sezzjoni Ġenerali tagħha, tat-3 ta’ Ottubru 2023 li ċaħdet it-tmien eċċezzjoni tiegħu u ordnat it-tkomplija tas-smigħ tal-kawża.

Il-konvenut talab lill-Ewwel Qorti permess biex jappella permezz ta’ rikors fl-10 ta’ Ottubru 2023. Li kif tajjeb irrilevaw l-appellati fir-risposta tal-appell tagħhom, sar *fuori termine* billi skont Art. 231(1) tal-Kap. 12, talba bħal din trid issir fi żmien sitt ijiem mid-data tas-sentenza. Ir-rikors ġie ppreżentat wara sebat ijiem. L-atturi wieġbu għar-rikors iżda m’eċċepewx li kien sar wara li skada t-terminu. L-Ewwel Qorti tat il-permess tagħha biex isir l-appell bla ma semmiet xejn dwar it-terminu.

It-termini prefissi fil-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma t’ordni pubbliku u ma jistgħu bl-ebda mod jiġu njorati. Lanqas jistgħu jiġu rinunzjati jew mibdula bil-kunsens tal-partijiet. Għalhekk it-terminu ta’ sitt ijiem kellu jiġi mħares taħt piena ta’ irritwalità u nullità tal-proċeduri.[1]

[1] **Giuseppi Caruana v Charles Psaila** 21.03.1997 Qorti tal-Appell; iċċitata f’**Maria Azzopardi v Joseph Calleja** 15.12.2003 Qorti tal-Appell (Inferjuri) per Imħ. Philip Sciberras.

***Decide***

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara l-appell irritu u null u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni tas-smigħ tal-kawża.

Spejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss